**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 5 ta' Diċembru 2024

**Il-Pulizija**
**vs**
**Patrick Gatt**

Kawża numru 9666/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Patrick Gatt**, iben Louis Gatt u Maria Dolores nee` Tabone, imwieled il-Pieta nhar is-26 ta' Lulju 1971 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0338371M

Akkużat talli, nhar it- 18 ta' Novembru 2024 bejn il-hinijiet ta' 16:00hrs (ta' wara nofsinhar) u l- 17:00hrs (ta' wara nofsinhar) f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin f'hinijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Kiser **Ordni ta' Trazzin** moghtija lilu mil- Magistrat Dott. Lara Lanfranco, LL. D nhar is- 07 ta' Mejju 2024 u dan bi ksur t'Artikolu 382A u 412C (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lill- eks mara tieghu, u cioe' ***Amanda Alberta Rizzo*** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni
3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lill- eks mara tieghu ***Amanda Alberta Rizzo***, taghmel xi ħaġa jew ghamilt użu ieħor mhux xieraq bih
4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt **Ordni ta' Probation**, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Lara Lanfranco, LLD nhar is- 07 ta' Mejju 2024 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula
5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet ta' Garanzija Personali li gew imposti fuqu mill- Qorti tal-Magistrati ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dott. Lara Lanfranco, LL.D nhar is- 07 ta' Mejju 2024

Il-Qorti ġie mitluba li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Patrick Gatt** a beneficju ta’ ***Amanda Alberta Rizzo*** u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f’każ ta’ ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta’ ***Amanda Alberta Rizzo*** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Patrick Gatt** b’obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, għal zmien li tħoss xieraq

Il-Qorti ġie mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil **Patrick Gatt** ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tal-4 ta’ Diċembru 2024 l-imputat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu, irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-bqija tal-akkużi, u kkonferma din l-ammissjoni wara li l-Qorti avżatu bl-aktar mod solenni u b’lingwaġġ li jinftiehem bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrikkonsidra d-dikjarazzjoni tiegħu u jerġa lura minnha.

Semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkonsidrat**

Fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputat tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu, ħlief għall-ħames akkuża.

Fir-rigward tal-ħames akkuża il-Qorti rat illi fis-sentenza ta’ din il-Qorti diverament presjeduta tas-7 ta’ Mejju 2024 l-imputat ma kienx tpoġġa taħt garanzija personali. Din l-obbligazzjoni personali kienet ġiet imposta permezz ta’ sentenza datata 8 ta’ Mejju 2023, u fis-sentenza tas-7 ta’ Mejju 2024 l-imputat kien instab ħati talli kiser din l-obbligazzjoni personali u kkundannat iħallas penali ta’ €2,000 kaġun ta’ dan is-sejbien ta’ ħtija. Għaldaqstant ir-reat addebitat fil-ħames akkuża ma jidhirx illi ġie kommess u għaldaqstant il-Qorti mhijiex qed taċċetta l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward ta’ din l-akkuża u sejra minflok tgħaddi sabiex tilliberah minnha.

Fir-rigward tal-piena relattiva għall-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuża, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li ż-żewġ partijiet qablu li piena karċerarja effettiva ma tkunx idoneja fiċ-ċirkostanzi. Iż-żewġ partijiet qablu li l-imputat ikkoopera bis-sħiħ mal-pulizija, u li din il-kooperazzjoni flimkien mal-ammissjoni bikrija rreġistrata minnu għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti bħala fatturi mitiganti meta tiġi biex tikkalibra l-piena. Il-Qorti qed tieħu wkoll in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet magħmula mill-Uffiċjal Prosekutur li informat lill-Qorti li minkejja illi hemm dan l-Ordni ta’ Trażżin

favur Amanda Alberta Rizzo, hija Rizzo stess illi kemm il-darba marret quddiem ir-residenza tal-imputat tant illi l-imputat kien kostrett li jagħmel diversi rapport f'dan ir-rigward ħalli jkun hemm *record* tal-akkadut u tal-aġir ta' Rizzo. Filwaqt illi dan naturalment ma jiskużax l-aġir tal-imputat, li fl-aħħar mill-aħħar jidher illi fehem li żbalja meta bagħat messaġġ lil Rizzo tramite binhom, dan jagħti stampa aktar ċara tar-retroxxena u ċ-ċirkostanzi li fihom jinsabu l-imputat u l-vittma, u b'mod partikolari kemm il-vittma nnifsha ma tagħti l-ebda importanza għal Ordni ta' Trażżin li inħareġ proprju għal protezzjoni tagħha.

Ikkonsidrat dan kollu il-Qorti taqbel mal-partijiet illi piena karċerarja effettiva ma tkunx idoneja. Madankollu l-Qorti tqis relevanti wkoll għal finijiet ta' piena li din hija issa t-tieni darba li l-imputat qiegħed jinstab ħati li kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu b'ordni taħt l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll it-tieni darba li qiegħed jinstab ħati ta' ksur tal-kundizzjonijiet ta' Ordni ta' Probation, dejjem fil-konfront ta' martu Amanda Alberta Gatt. Filfatt mill-fedina penali tal-imputat jidher illi din hija t-tielet darba li qiegħed jinstab ħati ta' reat simili fil-konfront tagħha. Il-Qorti lanqas ma tista' tinjora wkoll is-serjeta tat-theddida magħmula fil-konfront ta' Gatt mill-imputat.

Il-Qorti rat li l-piena stabbila fl-artikoli 382A(3) hija multa ta' sebat'elef (€7,000) ewro u/jew terminu ta' priġunerija ta' massimu sentejn. Jidher illi f'dak li jirrigwarda l-ikkalibrar tal-multa il-leġislatur ma ħalla l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti b'mod illi f'każijiet ta' sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu jekk il-Qorti tgħaddi sabiex timponi multa din il-multa ma tistax tkun inqas jew iżjed minn €7,000. Imbagħad, fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi illi l-piena għandha tkun ta' multa f'massimu ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000). Peress illi l-leġislatur stabilixxa massimu iżda mhux minimum, japplika dak dispost fl-artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u allura l-multa minima li tista' tiġi imposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' dan ir-reat hija ta' €23.29. B'applikazzjoni imbagħad tal-artikolu 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ebda piena m'għandha tiġi mposta fir-rigward tat-tieni akkuża, peress li din l-akkuża hija ta' natura kontravenzjonali u għalhekk il-piena tiġi assorbita fil-piena tar-reat mertu tal-bqija tal-akkużi. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis li l-piena idoneja fiċ-ċirkostanzi hija multa ta' sebat'elef u ħames mitt ewro (€7,500)

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, il-Qorti rat li skont l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' reat kommess matul il-perjodu ta' *probation*, u ladarba tressaq quddiem l-istess Qorti, din il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista'tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat." Dwar it-tifsira ta' din il-kelma "tista" il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Ġunju 1999 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "L-uzu tal-kelma sottolineata "tista'" – "may" fit-test Ingliz tal-ligi – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta

ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita` li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista'" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-Qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."

B'referenza għall-din l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi**, ċitata *supra*, qalet hekk:

"12. Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10(1) talKap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament m'ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le. Skond id-dicitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skond dik ta' l-artikolu 23(1)(b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setghet (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht probation. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati."

L-interpretazzjoni mogħtija fil-ġurisprudenza ċitata hija aċċetta u għadha tiġi applikata anke fil-ġurpisprudenza anke riċenti tal-Qrati nostrana (ara per eżempju: **Il-Pulizija vs Omissis** (appell numru: 565/2016) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Lulju 2023) u din il-Qorti tagħmilha tagħha f'din is-sentenza. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex titratta mal-imputat għar-reat ta' fastidju li tiegħu kien instab ħati minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Mejju 2024, u li fir-rigward ta' liema l-imputat kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation indikat fir-raba' imputazzjoni fil-kawża odjerna.

Dwar il-piena idoneja, il-Qorti tosserva li skont l-artikolu 23(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti hija prekluża mill-possibilita illi tqiegħed lill-imputat taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1) tal-istess Kapitolu. A skans ta' ripetizzjoni il-Qorti tagħmel referenza għal dak ikkonsidrat aktar il-fuq dwar għalfejn fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja effettiva mhijiex idoneja, u tqis li l-piena l-iktar idoneja f'dawn iċ-ċirkostanzi tkun ta' priġunerija sospiża. Ikkonsidrat dak provdut fl-artikolu 251H, u l-fatt illi l-imputat kien ħati ta' dan ir-reat bħala reat kontinwat, il-Qorti tqis li l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi hija piena ta' priġunerija ta' sena sospiża għal sentejn.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera l-imputat mill-ħames akkuża, wara li rat l-artikoli 382A, u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(b)u(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' multa ta' sebat'elef u ħames mitt ewro (€7,500) li jistgħu jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili u konsekuttivi ta' mitejn u ħmistax -il ewro (€215).

Wara li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tar-raba` imputazzjoni, u qed tittratta miegħu għall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpoġġa taħt tali ordni mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Mejju 2024 daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li għal kull buon fini tikkonferma l-ħtija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-Ordni ta' Probation magħmula bis-sentenza tas-7 ta' Mejju 2024, u wara li rat l-artikoli 18, 251A(1)(a)u(b) u 251H(a)u(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għal sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur